Fil-Qorti Civili Prim' Awla

Illum, 22 ta' Ottubru, 2019

Il-Malta Union of Teachers [MUT]
Trade Union Registrata bin-Numru: RTU001

Vs

Il-Union of Professional Educators [UPE]
Trade Union Registrata bin-Numru: RTU309
fi hdan il-Union Haddiema maqghudin – Voice of the Workers
Trade Union Registrata bin-Numru: RTU130

PROTEST GUDIZZJARJU tal-Malta Union of Teachers [MUT]
Tesponi bir-rispett:

ILLI l-Union Protestanta [MUT] li ilha mwaqqfa ghal dawn l-ahhar mitt [100] sena, hija l-union rikonoxxuta mid-Dipartiment tar-Relazzjonjiet Industrijali u tal-Impjieg, kif ukoll mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni responsabbli mill-iskejjel tal-iStat, mill-Kummissjoni ghall-Edukazzjoni tal-Konferenza Episkopali Maltija fi hdan il-Knisja Kattolika, liema Kummissjoni tiehu hsieb il-Fondazzjoni ghall-Iskejjel tal-Knisja u mill-entitajiet rispettivi responsabbli mill-iskejjel indipendenti, bhala l-unika union li tirrapprezenta l-interessi tal-edukaturi f'kull livell minghajr ebda distinzjoni ta' grad;

ILLI l-Union Protestanta [MUT] tosserva li l-Union Protestata [UPE] fi hdan il-Union Haddiema maqghudin – Voice of the Workers harget direttivi kollettivi lil-*Learning Support Educators* biex jillimitaw ix-xoghol taghhom fl-iskejjel minghajr il-Union Protestata [UPE] fi hdan il-Union Haddiema maqghudin – Voice of the Workers m'ghandha ir-rikonoxximent mehtieg ta' rapprezentanza mid-Dipartiment tar-Relazzjonjiet Industrijali u tal-Impjieg, kif ukoll mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni, mill-Kummissjoni ghall-Edukazzjoni tal-Konferenza Episkopali Maltija fi hdan il-Knisja Kattolika, u mill-entitajiet rispettivi responsabbli mill-iskejjel indipendenti;

ILLI tali direttivi mghotija mill-Union Protestata [UPE] fi hdan il-Union Haddiema maqghudin – Voice of the Workers lil-*Learning Support Educators* mhux biex jiksru il-ligi stante li bhala union ma tgawdix ir-rikonoxximent mehtieg tas-settur edukattiv taht il-ligi industrijali, u dunque ma tistax taghti direttivi lil edukaturi mhux rapprezentanti minnha minghajr ir-rikonoxximent mehtieg, izda di piu', il-Union Protestata [UPE] fi hdan il-Union Haddiema maqghudin – Voice of the Workers qedha tohloq tenzjoni u konfuzjoni bla bzonn lill-edukaturi li huma ndirizzati fid-direttivi abbuzivi u rresponsabbli taghha;

ILLI dan qieghed jinghad mill-Union Protestanta [MUT] peress li b'determinazzjoni, wara numru ta' laqghat li zzammew mal-Gvern dwar dak dovut lill-edukaturi inkluz lill-*Ghalliema* u l-*Learning Support Educators*, il-Union Protestanta [MUT] waslet ghal ftehim mal-Gvern dwar hlas ghas-supervizjoni waqt it-trasport tal-istudenti fl-interess ahhari tal-istess edukaturi; u l-istess qieghed isehh fir-rigward tal-hlasijiet dovuti lil-*Learning Support Educators* tant li nzammet laqgha ohra nhar il-Gimgha li ghaddiet mal-Gvern bl-iskop li ukoll jintlahaq ftehim dwar l-istess edukaturi;

ILLI l-Union Protestanta [MUT] tikkonsidra d-direttivi tal-Union Protestata [UPE] fi hdan il-Union Haddiema maqghudin – Voice of the Workers bhala agir irresponsabbli, abbuziv u di piu', vessatorju ghall-ahhar, mhux biss ghaliex il-Union Protestata [UPE] fi hdan il-Union Haddiema maqghudin – Voice of the Workers ma ghandha l-ebda dritt titkellem f'isem l-edukaturi mhux rapprezentati minnha minghajr ebda rikkonoxximent u ghaliex il-vertenza tal-*Ghalliema* u l-*Learning Support Educators* giet indirizzata u rizolta mill-Union Protestanta [MUT] filwaqt li il-vertenza dwar il-hlasijiet dovuti lil-*Learning Support Educators* qedha tkun indirizzata b'mod formali mal-Gvern, izda aghar minn hekk, stante li fil-fehema tal-Union Protestanta [MUT], il-Union Protestata [UPE] fi hdan il-Union Haddiema maqghudin – Voice of the Workers qedha tipprova tirkeb fuq il-karru tal-Union Protestanta [MUT] biex tipprova turi li qedha tirrapprezenta lill-professjonisti edukaturi meta m'ghandha l-ebda dritt fil-ligi li taghmel hekk ghaliex appuntu m'ghandhiex rikonoxximent ta' rapprezentanza kollettiva;

ILLI dan l-agir irresponsabbli da parti tal-Union Protestata [UPE] fi hdan il-Union Haddiema maqghudin – Voice of the Workers mhux l-ewwel wiehed fil-konfront tal-Union Protestanta [MUT] izda, il-Union Protestanta [MUT] iddeciediet li twaqqaf darba ghal dejjem l-abbuz lampanti tal-Union Protestata [UPE] fi hdan il-Union Haddiema maqghudin – Voice of the Workers u tavzaha li bi hsieba tipprocedi gudizzjarjament kontra l-Union Protestata [UPE] biex appuntu tifqa' il-buzzieqa tal-Union Protestata [UPE] fi hdan il-Union Haddiema maqghudin – Voice of the Workers li bhalissa qedha tohloq konfuzjoni lill-gradi kollha tal-edukaturi inkluz lill-Ghalliema u l-Learning Support Educators

ILLI di piu', il-Union Protestanta tishaq li bhala union rikonoxxuta li tirrapprezenta kwazi ghaxar telef edukatur membri taghha, b'dak li tinnegozja u takkwista fl-interess tal-edukaturi, mhux biss igawdu l-membri taghha izda ukoll *mutatis mutandi*, dawk l-edukaturi li mhumiex.

GHALDAQSTANT, il-Union Protestanta [MUT] filwaqt li ggieb l-premess ghall-formoli konjizzjoni tal-Union Protestata [UPE] fi hdan il-Union Haddiema maqghudin – Voice of the Workers, tinterpellaha sabiex qabel kollox jiddezisti immedjatament milli tkompli bl-agir irresponsabbli u abbuziv taghha kif gie spjegat aktar 'il fuq, u formalment tavza lill-Union Protestata [UPE] fi hdan il-Union Haddiema maqghudin – Voice of the Workers li qed izzommha unikament responsabbli tal-konfuzjoni li qedha tohloq lill-edukaturi oltre li tpoggieha f'*dolo*, *mora* u *cupla* ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez.

___________________________________
Avv. Dr. Michael Tanti-Dougall
Advocates Tanti-Dougall & Associates
127, St Joseph Street,
Tarxien

________________________
PL Gerald Bonello

Union Protestanta: Malta Union of Teachers [MUT]

759, Triq il-Kbira San Guzepp
Hamrun

Union Protestata: Il-Union of Professional Educators [UPE]
fi hdan il-Union Haddiema maqghudin – Voice of the Workers

Istitut Kattoliku
Floriana
Dar Reggie Miller, Triq San Tumas
Floriana

Notifika: Lis-Segretarju Permanenti
Dipartiment tal-Edukazzjoni
Floriana

Lis-Segretarjat tal-Edukazzjoni Nisranija u
lill-Kummissjoni ghall-Edukazzjoni tal-Konferenza Episkopali Maltija
Il-Kurja Arcisveskovili
Floriana.